Nru. 17,833
Prezz 8ċ
Price 8c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2005
Wednesday, 26th October, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1080

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, bejn nhar l-Erbgħa, is-26 ta' Ottubru, 2005 u nhar il-Ħamis, is-27 ta' Ottubru, 2005, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Is-26 ta' Ottubru, 2005
(OPM 1/2005/II)

Nru. 1081

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354) U L-ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Reġistri Elettorali

SKOND id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali qed jiġi ppubblikat ir-Reġistru Elettorali rivedut ma' din il-Gazzetta.

Qieghed jiġi ppubblikat ma' l-istess Gazzetta, skond l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, ir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea.

Is-26 ta' Ottubru, 2005

GOVERNMENT NOTICES

No. 1080

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Minister of Education, Youth and Employment, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance, between Wednesday, 26th October, 2005 and Thursday, 27th October, 2005, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

26th October, 2005

No. 1081

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354) AND EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT (CAP. 467)

Electoral Registers

IN accordance with the provisions of subsection (1) of section 33 of the General Elections Act, a revised Electoral Register is published with this Gazette.

Also being published with this Gazette, according to section 13 of the European Parliament Elections Act, is the European Union Electoral Register.

26th October, 2005

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET

Lista ta' differenzi dipartimentali u xogħlijiet addizzjonali approvati matul il-perijodu l-1 ta' Marzu 2005 sal-31 ta' Awissu 2005.

WORKS DIVISION

List of departmental variations and extra works approved for the period 1st March 2005 to 31st August 2005.

Natura tal-Kuntratt *Nature of Contract*	Valur Oriġinali *Original Value*	Valur ta' l-Aħħar *Final Value*
Provision of printing services (BCID)	Lm3154	Lm3832.50
Light fittings for Fort St Angelo Level 1	Lm12,540.15	Lm12,923.31
Removal of asbestos-cement corrugated sheeting at Block A, Trade School Area, Marsa	Lm19,850.00	Lm19,856.00
Supply and laying of a flooring system at Xatt ir-Riżq, Vittoriosa	Lm2,495	Lm2,351.42
Roadworks in Triq Wilġa, Paceville	Lm14,900.50	Lm24,102.20
Road works at part of Triq l-Iljun, Qormi	Lm8,716.95	Lm8,971.05
Roads works in Triq Ġorġ Borg Olivier, St Julians	Lm188,057.4	Lm201,726.71
Electrical services at Dawret il-Gżejjer, Buġibba	Lm7,819	Lm8,299
Supply and installation of a passengers' lift at the Ministry for Resources and Infrastructure, Block 'B', Floriana	Lm9,949.00	Lm10,031.00
Design of reservoir for garden at Triq San Pawl, Żurrieq	Lm686.55	Lm616.90
Road works in various roads at Paceville	Lm118,902	Lm113,147
Manufacture, delivery and laying of pre-cast, pre-stressed concrete planks and finishing works to reservoir at camping and caravan site at Għajn Tuffieħa	Lm11,668.00	Lm14,484.65
Paceville Embellishment Project tender for landscaping	Lm6,936.00	Lm7,376
Hand quotation for trenching works at Refugee Centre, Ħal Safi	Lm1,290.00	Lm1,516.02
Supply and delivery of pre-cast concrete paving blocks to various streets (Phase 1) at Paceville	Lm7,774.00	Lm6,084.17
Hand quotation for hardstone paving for garden at Triq San Pawl, Żurrieq	Lm2,100.00	Lm2,310
Restoration of facade on Triq Nofsinhar and side elevation at Our Lady of Victory Church, Valletta	Lm18,792.00	Lm21,100.24
Purchase of 100mm black pipes for Xgħajra Embellishment Project	Lm896.00	Lm868
Supply of franka stone blocks at Siġġiewi Football Ground and Triq l-Iljun, Qormi	Lm2,226.00	Lm2,049.6
Paceville Embellishment Project: Quotation for fold-down bollards	Lm1,416.00	Lm1,708.64

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2229

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Awissu 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 473/05 GC, fl-ismijiet Panta Marketing & Services Ltd vs WWW Travel TV Public Limited Company, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Panta Marketing & Services Ltd ippreżentaw Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-18 ta' Mejju 2005, kontra WWW Travel TV Public Limited Company, fejn talbu s-soċjetà konvenuta tgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex dispensat is-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12.

1. Tiddeċiedi l-kawża skond it-talba bid-dispensa tas-smigħ

2. Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' sitt elef mija u wieħed u sebgħin lira Maltija (Lm6,171) bilanċ parti minn somma akbar, rappreżentanti prezz għall-bejgħ, konsenja u stallazzjoni ta' 'airconditioning units' magħmul mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta ai termini tal-ftehim datat 14 ta' Jannar 2001, hawn anness u mmarkat bħala Dok PMSI kif ukoll ai termini ta' l-invoices hawn annessi u mmarkati bħala DOK PMS 2-PMS 4

3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt elef mija u wieħed u sebgħin lira Maltin (Lm6,171) bilanċ parti minn somma akbar rappreżentanti prezz għall-bejgħ, konsenja u stallazzjoni ta' 'airconditioning units' magħmul mis-soċjetà attriċi, fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta ai termini tal-ftehim datat l-4 ta' Jannar 2001, hawn anness u mmarkat bħala Dok PMS1 kif ukoll ai termini ta' l-invoices hawn annessi u mmarkati bħala Dok PMS 2-PMS4.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Notifika: Apart. 103, Bl 13, Portomaso Complex, Portomaso, San Ġiljan.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 473/2005 GC, fl-ismijiet Panta Marketing and Services Ltd vs WWW Travel TV Public Limited Company tinsab differita għall-14 ta' Novembru 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 24 ta' Ottubru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 26th August 2005, in the records of the Writ of Summons No. 473/05 GC, in the names Panta Marketing & Services Ltd v s WWW Travel TV Public Limited Company ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Panta Marketing & Services Ltd, filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court, on the 18th May 2005, against WWW Travel TV Public Limited Company, whereby they asked the defendant company to state why this Honourable Court should not without proceeding to a hearing of the cause in terms of Article 167 et seq of Chapter 12.

1. Decide the cause according to the demand without proceeding to a hearing

2. Declare that the defendant company is a debtor of the plaintiff company in the amount of six thousand one hundred seventy one Maltese liri (Lm6,171) balance of a larger sum, representing price of sale, delivery and installation of 'airconditioning units' made by the plaintiff company following the request of the defendant company, in terms of the agreement dated 14th January 2001, hereby annexed and marked Doc PMSI as well as in terms of the invoices hereby attached and marked as DOC PM2-PMS 4

3. Condemn the defendant company to pay the plaintiff company the sum of six thousand one hundred and seventy one Maltese liri (Lm6,171) balance of a larger sum representing price of sale, delivery and installation of 'airconditioning units' made by the plaintiff company following the request of the defendant company in terms of the agreement dated 4th January 2001, hereby attached and marked Doc PMS1 as well as in terms of the invoices hereby attached and marked Doc PMS 2-PMS4.

With costs and legal interests, till the date of effective payment against the defendant company summoned so that a reference to its evidence be made.

Service at: Apart. 103, Bl 13, Portomaso Complex, Portomaso, St. Julian's.

The case Writ of Summons Number 473/2005 GC, in the names Panta Marketing and Services Ltd vs WWW Travel TV Public Limited Company has been put off to the 14th November 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 24th October 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2230

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-10 ta' Ottubru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fit-28 ta' Ġunju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Lourdes Maria Darmanin ta' 46, Triq San Ġorġ, Raħal Ġdid, tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u żewġ liri Maltija u sitt ċenteżmi (Lm502.06) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 1395/05 JB) hija differita għall-31 ta' Ottubru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Ottubru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 10th October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 28th June 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Lourdes Maria Darmanin of 46, Triq San Ġorġ, Paola, to pay the plaintiff company the sum of five hundred and two Maltese liri and six cents (Lm502.06) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1395/05JB) is put off to the 31st October 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th October 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2231

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Novembru 2004, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fis-26 ta' Awissu 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Godfrey Gambin ta' Sacred Family House, Triq Borg, Birkirkara, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u erbatax-il lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm214.69) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 1662/04 RFA) hija differita għall-31 ta' Ottubru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Ottubru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 12th November 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 26th August 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Godfrey Gambin of Sacred Family House, Triq Borg, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and fourteen Maltese liri and sixty nine cents (Lm214.69) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1662/04 RFA) is put off to the 31st October 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th October 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*